MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Numru. 198/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa`**

**vs**

**Alexia Cross**

Il-Qorti:

Rat l-imputata Alexia Cross ta' 29 sena, bint James Cross u Josephine nee` Mangion, imwielda San Giljan fl-14 ta` Gunju, 1979, u residenti fi Flat 6, El Paradiso Court, Triq il-Hriereb, Msida u detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 316279 (M) li giet imressqa quddiemha talli:-

1. F'diversi granet fix-xahar ta' Novembru 2008, mill-fond Fantasy, 188, Triq San Bastjan, Qormi, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' diversi cekkijiet tal-Bank of Valletta mahruga fuq kont bankarju numru 40014745353 kif ukoll cekk ta' l-HSBC numru 1497 mahrug fuq kont bankarju 012006060002 bi hsara ta' Raymond Calleja mill-Marsa, il-Bank of Valletta plc u l-HSBC Bank Malta plc;

2. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' diversi cekkijiet tal-HSBC mahruga fuq kont bankarju numru 012015632002 bi hsara ta' George Galea minn Hal-Qormi u l-HSBC Bank Malta plc;

3. F'xi perjodu f'Novembru 2008, mill-fond Fantasy, 188, Triq San Bastjan, Qormi, ikkommettiet serq ta' mitejn u hamsin ewro (€250) flus kontanti bi hsara ta' George Galea minn Hal-Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

4. F'dawn il-Gzejjer, f'diversi granet fix-xahar ta' Novembru 2008, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, iffalsifikat cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku ta' Gvern;

5. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-

atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, nkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

6. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamlet uzu minn cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

7. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamlet uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;

8. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ Conrad Grima mill-Imtarfa u/jew Raymond Calleja mill-Marsa u/jew George Galea minn Hal-Qormi u/jew Bank of Valletta plc u/jew HSBC Malta plc;

9. F’xi perjodu f’Novembru 2008, approprjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir

uzu minnha specifikat, u cioe' hadet u zammet ghandha mobile watch b'valur ta' mitejn ewro (€200) ghad-dannu ta' Raymond Calleja mill-Marsa u George Galea minn Hal-Qormi, sidien tan-negozju Fantasy, 188, Triq San Bastjan, Qormi, liema mobile watch kien gie fdat jew ikkunsinnat lilha minhabba l-professjoni,industrija,kummerc,amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju;

10. B'hekk kisret il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn inghata ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 t'April 2007;

11. B'hekk ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' tliet sentenzi sospizi imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenzi taghha ta' nhar it-2 t'Ottubru 2007, tal-31 t'Ottubru 2007 u tas-6 ta' Dicembru 2007, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' Dicembru 2009 (esebita a fol. 134 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(1) Fl-artikoli 18, 261,267 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(2) Fl-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(3) Fl-artikoli 18 u 167 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(4) Fl-artikoli 18 u 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(5) Fl-artikoli 18 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(6) Fl-artikoli 18 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(7) Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(8) Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(9) Fl-artikoli 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(10) Fl-artikoli 18, 28A, 28B u 28F tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(11) Fl-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 382A, 383, 412C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar 2010, l-imputata ddikjarat li hija m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Gunju 2011 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena ;

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Ikkunsidrat :

Illi f'dawn il-proceduri l-imputata tinsab addebittata b'imputazzjonijiet ta' serq kwalifikat bil-valur, falsifikazzjoni ta' skrittura kummercjali jew uzu minn dokument iffalsifikat, truffa, approprjazzjoni indebita, ksur tal-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 u kif ukoll li kkomettiet reat waqt perijodu operattiv ta' tlett sentenzi sospizi moghtija minn din il-Qorti fit-2 t'Ottubru 2007, 31 t'Ottubru 2007 u 6 ta' Dicembru 2007 rispettivament. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Angelo Gafa' li xehed waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2009 jirrizulta li;

'*Kienu dahlu zewg rapporti ghand il-pulizija, wiehed minn Raymond Calleja u l-iehor minn George Galea, sidien tal-hanut Fantasy f'Hal Qormi. Skont din l-istess xhieda dawn allegaw li Alexia Cross kienet ghamlet xi serq ta' cekkijiet, serq ta' flus u frodi ta' dawn l-istess cekkijiet. L-Ispettur Gafa fix-xhieda tieghu qal li dawn iz-zewg persuni*

*sostenw li f'Jannar 2009 indunaw li sabu xi cekkijiet neqsin mic-cheque books taghhom li kienu thallew gewwa l-istabbiliment taghhom. Skont din l-istess xhieda l-Ispettur spjega li meta dawn ivverifikaw mal-bank sabu li xi whud minn dawn ic-cekkijiet gew msarfa u f'uhud minn dawn kien hemm imnizzel l-isem Alexia Cross (li kienet tiffrekwenta il-hanut taghhom b'mod regolari). L-Ispettur Gafa' fix-xhieda tieghu qal li dawn ikkonfrontaw lil Cross li ammettiet li f'Novembru 2008 serqet dawn ic-cekkijiet flimkien ma' €250 lil George Galea, kif ukoll ghamlet approprjazzjoni indebita ta' mobile watch (li nghata lilha sabiex tbieghu u tghaddi l-flus lil dawn iz-zewg persuni).*

*L-Ispettur fix-xhieda tieghu kompla billi jghid, li wara li l-pulizija ghamlu l-verifiki taghhom, huma sabu li dawn ic-cekkijiet issarfu minghand Conrad Grima (Direttur ta' V & J Grima). L-Ispettur kompla billi jghid li mill-investigazzjoni irrizulta li ic-cekkijiet misruqa, Alexia Cross kienet halest lil Conrad Grima ghal kiri ta' karozzi (liema spejjes ammontaw ghal €1510). Huwa kompla billi jghid li Cross kienet inghatat xi bqija fi flus kontanti. Fit-2 ta' Marzu 2011 din l-informazzjoni giet konfermata mill-Ispettur Gafa.*'
Dan kollu gie konfermat mill-vittmi Raymond Calleja, George Galea u Conrad Grima li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri[1] kif ukoll mill-imputata fl-istqarrija minnha rilaxxjata u nserita a fol. 32 u 33 tal-atti processwali.

Kif inghad aktar 'il fuq waqt l-udjenza tat-13 ta' Gunju 2011, u cioe' meta l-kawza kienet fi stadju avvanzat hafna u cioe' fl-udjenza fejn kellha ssir it-trattazzjoni finali mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza, l-imputata ghazlet li tammetti l-imputazzjonijiet kolllha migjuba fil-konfronti taghha. Abbazi ta' din l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata u anki ghaliex fi kwalunkwe kaz il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputata sal-grad rikjest mill-ligi l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 63 sa 66, 67 sa 71 u 96 sa 104 rispettivament.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti kkunsidrat fit-tul u bir-reqqa kollha dovuta s-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena kif ukoll il-kontenut tas-Social Inquiry Report imhejji mil-Probation Officer Chantelle Avellino liema rapport jinsab inserit a fol. 154 et sequitur tal-atti processwali u assolutament ma' taqbilx ma' dak sottomess mid-Difza li tirritjeni li l-imputata ghandha tinghata opportunita' ohra sabiex tirriforma ruhha. Mil-atti processwali jirrizulta li hija inghatat mhux opportunita' wahda izda erba' opportunitajiet minn din il-Qorti sabiex jekk trid tirriforma ruhha fejn anki tpoggiet taht Ordni ta' Probation u nghatat tlett sentenzi sospizi f'perijodu qasir izda hija sfortunatament kompliet fit-triq il-hazina fejn ingannat lil vittmi f'din il-kawza u addirittura uzat lil bintha minuri ta' tmien snin sabiex teffetwa l-ingann fil-konfronti taghhom billi qalet lil Galea u lil Calleja li hija kellha t-tifla marida bil-kankru u kellha bzonn tixtrilha Playstation u kellha wkoll bzonn ghajnuna finanzjarja u wara li dawn it-tnejn ppruvaw jaghtuha din l-ghajnuna hija wara li ingannathom billi qaltilhom affarijiet li ma kienux minnhom kompliet taprofitta mill-bonta' taghhom billi serqitilhom ic-cekkijiet u l-flus u billi ffalsifikat il-firem taghhom. Il-Qorti ma thossx li mis-Social Inquriy Report jirrizulta b'mod konvincenti li l-imputata rriformat ruhha b'mod tali li hija ghandha tinghata l-ennesima piena alternattiva ghal dik karcerarja. Irid jigi rilevat illi meta l-imputata kkommettiet ir-reati li taghhom ser tinstab hatja f'dawn il-proceduri hija kienet diga' omm kif hekk kienet meta inghatat il-varji opportunitajiet sabiex tirriforma ruhha izda dan il-fattur ma' tantx jidher li zammha milli toqghod lura milli tkompli fuq it-triq tal-kriminalita'. Irid inoltre jigi rilevat li l-imputata ma jidhirx li qed taghmel xi sforzi kbar sabiex issib impjieg sabiex b'hekk ikollha aktar flus disponibbli u tevita li terga' tinganna lil terzi sabiex totjeni l-flus. Din il-Qorti hija moralment konvinta li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva hija l-unika piena li tista' tigi mposta anki jekk din ser tkun aktar vicin il-minimum. Il-Qorti sejra inoltre trendi operattivi s-sentenzi sospizi mposti fuq l-imputata permezz tat-tlett sentenzi hawn fuq imsemija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-24 ta' Dicembru 2009 u senjatament l-Artikoli 18, 261,267, 279,,284, 285, 167,183, 169,184, 308, 309 u 310(1)(a), 293, 294 u 310(1)(b), 18, 28A, 28B u 28F, 17, 18, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha sentejn (2) prigunerija.

Il-Qorti tordna ulterjorment li l-piena ta' prigunerija ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal erba' snin (4) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Pulizija vs Alexander Cross et' fit-2 t'Otttubru 2007, il-piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Pulizija vs Alexia Cross' fil-31 t'Otttubru 2007, u l-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Pulizija vs Alexia Cross' fis-6 ta' Dicembru 2007 jigu rezi operattivi sabiex b'hekk l-imputata ghandha tiskonta perijodu globali ta' sitt (6) snin u tlett (3) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------